MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1176/2009

**Francis Paris (ID 554839M) u martu Rita Paris (ID 696941M), ta' Agno House, Triq ir-Redentur, Zabbar, James C. Harney (ID 281145M) u martu Lore Harney (GER 1582077996), Emanuel Pace (ID 765438M) u martu Salvina sive Sylvia Pace (ID 863839M), Constantine Martin (ID 483632M) u martu Conncetta sive Connie Martin (ID 305739M), Charles Aquilina (ID 449332M), Carmel J M Pisani (ID 518331M) u martu Annie Pisani (ID 564639M), Albert Pace Cole (ID 604131M) u martu Cettina Pace Cole (ID 160536M), Joseph Grixti (ID 810130M) u wliedu Marie-Antoinette Zammit (ID 300655M), Diane Heidemeyer (ID168158M) u**

**Denise Fouillet (I220365M), Albert C. Blake (ID 365730M) u martu Ann Blake (ID 211802L), Francis X. Sammut (ID 300226M) u uliedu Mary mart John Manser, Josephine mart David Tink, Constantino, Carmelo u Rita mart Emanuel Grech, John Anthony Blake (ID 369327M), u uliedu Maryanne, Rosanne, Lucienne, Stephen u Jason ahwa Blake, Lewis Camilleri (ID 187027M) u martu Mary Camilleri (ID 250432M), Joseph Vigar (ID 345226M) u martu Mary Vigar (ID 307131M), John L. Curmi (ID 509930M) u u martu Rose Marie Curmi (ID 381632M), Hector Borg (ID 545931M) u martu Kate Borg (ID 0471600 L), Peter J. Farrugia (ID 166332M) u martu Evelyn Farrugia (ID 404936M), Concetta armla minn Joseph Ellul (ID 804243M), Marthese Ellul (ID 216869M), Josianne mart Vincent Zammit (ID 474075M), Angele armla minn Mario Ellul (ID 199667M) f'isimha propju u f'isem il-minuri Jurgen Ellul, binha u bin l-imsemmi zewgha, Fortunata armla ta` Joseph Attard Cassar (ID 860544M) u wliedha ta` Sergio (ID 284574M) u Nadya (ID 6576M) ahwa Attard Cassar, Emanuel sive Noel Tanti (ID 3659M), Angela armla ta Frank Abela (ID 240645M) u bintha Rose Abela (ID 423679M), Maria sive Mariella mart Joseph Anthony Muscat (ID 374455M) u George Bonnici (ID 571358M), ulied l-mejjet Robert V. Bonnici, Carmen armla ta' John P. Bartolo (ID**

**385133M), Antoinette armla ta' Edwin Zrinzo (ID 508227M) u wliedu Maryanne Walden (PP592312), Patrick (ID 712255M) u Andrew (ID 157722M), Josette Borg Cardona (ID 419547M) fil-vesti ta' eredi universali ta zewgha Austin Borg Cardona, Maria Dolores sive Doreen Cann (ID 590056M) u Giuliana Micallef Cann (ID 637853M) bhala eredi ta missierhom Edward Cann, Joseph Zerafa Boffa (ID 171864M) Noel Zerafa Boffa (ID 458655M) u Marika Wait (ID 268868M) bhala eredi ta' Lawrence Zerafa Boffa, Dottor Anthony Fiorini (ID 191557M), Marika Pizzuto (ID 608254M) u Sandra Pisani Zammit (ID 323061M) bhala eredi ta' Maurice Fiorini, Patrick Vella 433964 (M), Lisa Zrinzo bhala eredi ta' Joseph F. Vella, Giovanna armla ta' Nicholas Agius (ID 814333M) u wliedha Hadrian Agius (ID 380962M), u Marcelline Agius (ID 88267M), Margaret armla ta' Michael Abela (ID 465130M) u wliedha Anna mart Lorenzo Brincat (ID 593561M), Joseph Abela (ID 280655M), Monica Debono (ID 311266M) u Micheal Abela (ID 582056M), Michael Briffa (ID719026M), Frank Trevisan (ID 56826M) u martu Janet Grace Trevisan (ID 127503 L), Josephine armla ta' Eric Brockdorff (ID 234527M) u uliedha Nathalie mart t-Tabib Consultant Andre' Castillo, Raymond (ID 252555M) u Philip (ID 48860M),Maria Concetta sive Connie armla ta Maurice Bonnici**

**(ID 721723M) u wliedha Peter (ID 229450M), Martin (ID 834952M) u Alexandra sive Sandra mart Richard Aquilina (ID 475555M), Charles Rogers (ID 509218M); u b'digriet tat-13 ta' Lulju 2010 l-atti fir-rigward ta' Carmelo sive Charles Rogers gew trasfuzi fil-persuna ta' uliedu Joseph Rogers (ID 408746M), William Rogers (ID 64849M), Peter Rogers (ID 797550M), Michael Rogers (ID 680452M), Julian Rogers (ID 212955M), Maria Dolores sive Doris mart Alfred Dimech (ID 510247M) u Anna mart Charles Zammit (ID 344559M), stante l-mewt tieghu; u uliedu Michael Rogers (ID680452M) u Julian Rogers, Godfrey Cassar Trigona (ID 691727M) u martu Odette Cassar Trigona (ID 652728M), Robert M. Bartolo (ID 379429M) u martu Olympia Bartolo (ID 408537M), Roger Bartolo (ID 457827M) u martu May Bartolo (ID 306532M), Francis Rossi (ID 2021053P) u martu Josephine Rossi (ID 71229M), Joseph Smith (ID 508927M) u martu Carmen Smith (ID 48532M), Carmel Azzopardi (ID 2529M) u martu Melita Azzopardi (785830M); u b'digriet tat-13 ta' Lulju 2010 l-atti fir-rigward ta' Melita Azzopardi gew trasfuzi fil-persuna ta' zewgha Carmelo Azzopardi (ID 2529M), stante l-mewt taghha; Joseph M. Agius (ID 250627M) u martu Sally Agius (ID 453835M); u b'digriet tat-2 ta' Frar 2011 l-atti fir-rigward ta' Sally Agius gew trasfuzi fil-**

**persuna ta' uliedha Mariella Scicluna (ID 352758M), Paul Agius (ID 414160M), Victor Mario Agius (ID 541962M) u Claudia Maria Agius (ID 205472M), stante l-mewt taghha; Gaetano Borg (ID 471430M) u martu Rose Borg (ID 560537M), Michael Mallia (ID 265932M); u b'digriet tat-13 ta' Lulju 2010 l-atti fir-rigward ta' Michael Mallia gew trasfuzi fil-persuna ta' uliedu Josette mart Joseph Borg (ID 117570M), Ruth Mallia (ID 282971M) u Adrian Mallia (ID 370173M), stante l-mewt tieghu; u martu Grace Mallia (ID 85841M), Kif wkoll s-segwenti li ghadhom ma lahqux l-eta tal-pensjoni Mario Borg (ID 646854M) u martu Mary Borg (ID 498655M), Joseph Cachia (ID 744053M) u martu Bernadette Cachia (ID 79455M), Raphael Naudi (ID 900550M),Joseph Tabone (ID 723254M) u martu Marthese Tabone (ID 709661M), Alfred Galea (ID 974049M) u martu Rita Galea (ID 60449M), Joseph Formosa (ID 103552M) u martu Rose Mary Formosa (ID 695756M), William Mock (ID 671650M), Alfred Spiteri (ID 354150M) u martu Maria Dolores Spiteri (ID 336152M), Ronald Zarb (ID 213349M) u martu Rose Zarb (ID 503951M), Theresa armla minn Anthony Borg (ID 819140M) u wliedha Joseph Borg (ID 334362M), Mary Pace mart Michael (ID 311963M), Rita Camilleri mart Raymond (ID 312063M), Carmen Borg (ID 455969M), u Julian Borg**

**(ID 439078M ) U kif wkoll s-segwenti li ma kienux partijiet fil-kawza "Francis Paris et vs Maltacom" hawn taht indikata Vincent Pirotta (ID 437471M), Joanne Abela (ID 230875M), Michael Borg (ID 196252M), Frances Borg (ID 377353M), Mary Borg (ID 237545M), Joseph Borg (ID 336342M), Victor Borg (ID 619156M) u Carmel sive Charles Borg (ID 884249M) bhala successuri ta' Francis Pirotta, Maria Carmela armla ta' Gerald Mifsud (ID 7732M) u wliedha Agostina mart Saad El Masri (ID 211056M), Rita mart Raymond Scerri (ID 284158M), Mary sive Mary Anne mart Mohamed El Masri (ID 81860M), Censina mart Will Henke (ID 203661M) u Emanuel Mifsud (ID 3063M), Eileen armla ta' Cecil Satariano (ID 1756A) u wliedha Madeleine Vella (ID 317159M), Mark Satariano (ID 121056M) u Michael Satariano (ID 580574M), Josephine armla ta' John Bugeja (ID 655639M) u wliedha Charmaine Napoli (ID 324261M) u Sandro Bugeja (ID 272264M), Marcelline u Arthur Bonnici (ID 577929M) u wliedha Kevin Bonnici (ID 97158M), Daniela Lanzon (ID 505360M), Katrina Foster (ID 31865M) u Giuliano armel ta Ivana Ramunno (ID 18111A) ghan-nom ta uliedu minuri Marco Ramunno (ID 352602L), Francesca Ramunno (ID 212881L) u Erika Ramunno (ID 125005L), Vicky armla ta Oswald Camilleri (ID 584540M) u binha**

**Mark Camilleri, (ID 505461M), John T Pisani (ID 197062M), Alexander Pisani (ID 801660M), Antoine Pisani (ID 506547M), Nathalie Pisani (ID854854M) f'isimhom u f'isem l-assenti ohthom Silvana Spiteri (PP WT 101874) bhala eredi ta' Joseph Mary Pisani, Nicolina Brincat (ID 569922M) u Antonio Brincat (ID 612424M) bhala eredi ta' Joseph Brincat, Michael Cini (ID 208826M) u wliedha Francis Cini (ID 686460M) u Joseph Cini (ID 325366M), Josephine armla ta' William Cutugno (ID 589925M) u wliedha Andrew Cutugno (ID 517355M), Teresa Cilia (ID 526360M), Juliet Cutugno (ID 433453M) u Michael Cutugno (ID 511856M), Albert Camilleri (ID 376623M); u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 l-atti fir-rigward ta' Albert Camilleri gew trasfuzi fil-persuna ta' martu Joan sive Jeanne Camilleri (ID 369331M) u wliedu John Camilleri (ID 782453M) u Lorraine mart Keith Rizzo (ID 49060M), stante l-mewt tieghu; u martu Joan (ID 369331M), John Meli (ID 421126M u martu Josephine (ID 467127M), Maria Rosaria armla ta' Oliver Wirth (ID 615926M) u wliedha Patrick Wirth (ID 9262M), Ian Wirth (ID 816954M) u Anne Selvagi (ID 55557M)**

***kontra***

**Go plc (C 22334)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-27 ta` Novembru 2009 li jaqra hekk –

*Illi huma kienu impjegati tal-Cable and Wireless Limited u wara mat-twaqqif tal-Korporazzjoni Telemalta huma saru impjegati tal-istess korporazzjoni u sussegwentement mal-Maltacom plc u issa mal-Go plc ;*

*Illi l-Korporazzjoni Telemalta kienet intrabtet li taghmel ghall-impjegati taghha skema tal-pensjoni simili ghal dik li jhaddem il-Gvern, "the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision, will, however, be made to ensure that employees over the age of fifty years at time of takeover will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation" liema ftehim sar fit-23 ta` Lulju 1975 b'effett mill-1 ta` Jannar 1975. Dan il-ftehim gie kkonfermat bi ftehim iehor tal-5 ta` Novembru 1981 u kif ukoll b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 Citazz 480/2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Francis Paris et vs Maltacom plc' li prefiggiet terminu ta` tlett xhur mis-7 ta` Lulju 2008 biex il-kumpanija intimata timplimenta l-iskema tal-pensjoni mitluba mill-atturi u fin-nuqqas li taghmel hekk l-iskema ghandha titqies implimentata b'effett tal-istess sentenza ;*

*Illi tali pensjoni ghandha tinkludi fiha d-dritt li kull pensjonant jaghzel flok din l-pensjoni, pensjoni ta' tlett kwarti ta` din l-pensjoni flimkien ma` gratifikazzjoni (gratuity) li tkun daqs tnax il-darba u nofs l-ammont li hekk jitnaqqas mill-pensjoni skond kif hemm stipulat fl-Ordinanza Dwar l-Pensjonijiet (Kap 93) ;*

*Illi l-arretrati ta` pensjoni sal-1 ta Novembru 2009, kompriz l-gratifikazzjoni applikabbili skond l-kaz, huwa kif elenkat fil-prospetti A u B hawn annessi, komplessivament ammontanti ghal €2,242,318 (zewg miljuni erba mija tnejn u tletin elf, tlett mija u tmintax l-Euro) ;*

*Illi effettivament sal-lum il-Korporazzjoni ma hallset xejn lill-esponenti minkejja li giet interpellata diversi drabi ;*

*Illi l-esponenti ghandhom jiehdu minghand is-socjeta` intimata l-pensjoni spettanti lilhom u inoltre, stante li s-socjeta` intimata zammet il-flus f'idejha u uzufruwiet ruhha minnhom, mal-hlas tal-istess pensjoni ghandu jkun hemm suppliment (reverse discounting) biex jaghmel tajjeb ghad-differenza tal-valur tal-munita Maltija minhabba t-trapass taz-zmien (time value) bejn il-mument li suppost thallset il-pensjoni kieku l-iskema saret fil-pront u l-valur tal-munita ta' dakinhar li jsir l-hlas effettiv u inoltre, is-socjeta` intimata ghandha thallas ukoll l-interessi minn kull skadenza ta` pensjoni sad-data ta` pagament effettiv u apparti dan l-esponenti sofrew danni ohra minhabba l-inadempjenza tas-socjeta intimata kif jigi ippruvat waqt t-trattazjoni tal-kawza.*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta` intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :*

*1. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti rispettivament skond s-sehem taghhom individwali kif indikat fil-prospetti hawn annessi Dok A u Dok B, s-somma komplessiva ta' €2,432,318 rappresentanti l-arretrati tal-pensjoni dovuta lilhom sal-1 ta` Novembru 2009;*

*2. tillikwida s-somma spettanti lill-atturi rapprezentanti kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus bejn meta kellu jsir l-hlas kieku l-iskema giet implimentata f'waqtha u l-valur tal-munita ta` dakinhar li jsir l-hlas effettiv (reverse discounting in respect of time value of currency) u somma ohra biex tikkomprendi wkoll l-interessi dovuta lill-esponenti minn kull skadenza ta` pensjoni minn dakinhar li suppost kellha tithallas sa dakinhar ta` hlas effettiv u kull somma ohra sabiex taghamel tajjeb ghal-danni ohra sofferti mir-rikorrenti ;*

*3. tikundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti, liema intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fid-9 ta' Frar 2010 li taqra hekk –

*Il-Fatti tal-Kaz*

*1. Illi m'huwiex kontestat illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-7 ta' Lulju 2008 fil-kawza "Francis Paris et vs Maltacom plc", (Citaz. Nru. 480/2002), is-socjeta' eccipjenti giet kundannata li timplimenta skema ta' pensjoni a bazi tal-ftehim tal-1 ta' Jannar 1975 u dan taht il-kondizzjonijiet u modalitajiet indikati fl-istess sentenza ;*

*2. Illi m'huwiex minnu, pero', illi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq citata, l-iskema ta' pensjoni li kellha titwaqqaf kellha tinkludi fiha d-dritt li kull pensjonant jaghzel flok il-pensjoni, pensjoni ta' tliet kwarti ta' din il-pensjoni flimkien ma' gratifikazzjoni ekwivalenti ghal tnax-il darba u nofs l-ammont hekk imnaqqas mill-pensjoni ;*

*3. Illi ghall-kompletezza tal-fatti, jigi rilevat ukoll illi mhuwiex il-kaz illi s-socjeta' konvenuta njorat l-interpellazjonijiet maghmula mill-atturi ghall-hlas tal-pensjoni b'xi mod kappriccuz jew abbusiv ;*

*4. Illi in segwitu tal-imsemmija sentenza, is-socjeta' konvenuta istitwiet proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem l-istess Qorti tal-Appell u li b'digriet moghti fl-14 ta' Jannar 2009, issospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza citata bil-kondizzjoni li tigi depozitata garanzija bankarja ta' €10,000,000, liema garanzija bankarja kienet giet debitament depozitata fit-23 ta' Jannar 2009 permezz ta' cedola ta' depozitu numru 99/09 ;*

*5. Illi dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni gew istitwiti peress illi fil-fehma tas-socjeta' konvenuta, is-sentenza kienet effett ta' applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sens li njorat ghal kollox ir-rekwiziti mposti fil-Kap.450 – Att Li Jirregola Fondi Specjali – u bis-sahha ta' liema Att, skema ta' pensjoni trid tabilfors u ad validitatem tigi approvata mir-regolatur, l-Awtorita' ghas-Servizz Finanzjarji ta' Malta ;*

*6. Illi in effetti fil-mori ta' dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni, fil-5 ta' Gunju 2009, il-Ministru tal-Finanzi, ippubblika Avviz Legali numru 167 tal-2009 u li in forza tieghu l-iskema ta' pensjoni in kwistjoni giet formalment ezentata mill-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap.450. Illi f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' konvenuta cediet il-proceduri ta' ritrattazzjoni fis-7 ta' Lulju 2009 ;*

*7. Illi sadanittant, fl-1 ta' Lulju 2009 giet imwaqqfa l-GO Service Pensions Scheme for ex-employees of Cable & Wireless Ltd ;*

*8. Illi sa llum ntlahaq ftehim ta' transazzjoni ta' mija u sbatax (117) il-beneficcjarju tal-Iskema fosthom sitta u tmenin (86) beneficcjarju li ghamlu l-kawza li wasslet ghad-decizjoni tas-7 ta' Lulju 2008, waqt li l-atturi odjerni ma accettawx li jintlahaq ftehim mas-socjeta' konvenuta ;*

*9. Illi mill-garanzija bankarja ta' €10,000,000, il-Qorti tal-Appell kienet ordnat ir-rilaxx ta' €5,800,000.00 sabiex jithallsu dawk il-pensjonanti li lahqu ftehim mas-socjeta' konvenuta filwaqt li gie ordnat ukoll illi tinzamm fis-sehh garanzija bankarja ridotta ta' €4,200,000.00 sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-atturi jew min minnhom ;*

*10. Illi wara li tnaqqas l-ammont ta' arretrati preskritti, l-ammont attwalment dovut sal-perjodu Novembru 2009 huwa ferm inferjuri kif jigi muri matul il-kawza, liema ammont is-socjeta' konvenuta dejjem kienet disposta li thallas tant li talbet kemm-il darba lill-atturi sabiex jghaddu d-dettalji tal-kont bankarju fejn seta' jsir dan il-pagament kif ukoll talbu li titnaqqas tali somma mill-ammont kopert bil-garanzija bankarja, izda l-atturi baqghu inadempjenti.*

<u>Eccezzjonijiet</u>

*1. It-talba ghall-hlas ta' arretrati ta' pensjoni hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156(a) u/jew 2156(f) tal-Kodici Civili ;*

*2. It-talba ghal-likwidazzjoni ta' kumpens ekwivalenti ghall-valutazzjoni tal-valur ta' flus kif dedotta fit-tieni talba attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2153 u/jew 2156(f) tal-Kodici Civili ;*

*3. It-talba ghall-hlas ta' interessi hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili ;*

*4. Illi t-talbiet dedotti minn Raphael Naudi, Mario Borg, Joseph Cachia, Joseph Tabone, Joseph Formosa, Alfred Galea, William Mock, Alfred Spiteri u Rona Zarb Blackman huma ghal kollox intempestivi billi Raphael Naudi ghadu fl-impjieg mentri l-ohrajn ghalkemm irtiraw mill-impjieg ghadhom ma ghalqux il-wiehed u sittin sena, u kwindi ma ghandhomx interess guridiku ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba dedotta ghall-hlas ta' kumpens ekwivalenti ghall-valutazzjoni tal-valur ta' flus hija legalment insostenibbli billi fl-ewwel lok, kien hemm vertenza bejn il-partijiet dwar l-iskema ta' pensjoni u s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu legittimu ta' jedd spettanti lilha li tikkontesta t-twaqqif tal-iskema u fi kwalunkwe kaz ma jezisti l-ebda rimedju fil-ligi li jipprovdi ghal reverse discounting kif qed jintalab mill-atturi ;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas ta' interessi minn kull skadenza ta' pensjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-atturi naqsu li jintimaw lis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-artiklu 1141(2) tal-Kodici Civili relattivament ghall-arretrati kollha pretizi ;*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ghall-hlas ta' l-arretrati kif dedotta u likwidata mhijiex dovuta billi hija legalment u*

*fattwalment infondata stante li hija bazata fuq kriterji u kunsiderazzjonijiet zbaljati u/jew inapplikabbli ghall-kaz, fosthom kalkoli ta' salarji zbaljati, perijodi ta' impjieg zbaljati, applikazzjoni zbaljata ta' "commutation" u dan kif jigi pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kaz ;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom favur taghhom garanzija bankarja numru 8820091873 mahruga minn HSBC Bank Malta ghall-ammont ta' €4,200,000.00, liema garanzija mhijiex mehtiega u fi kwalunkwe kaz hija in eccess tal-pretensjonijiet tal-atturi. L-agir tal-atturi dwar l-insistenza ta' din il-garanzija rreka spejjez u danni inutli lis-socjeta' konvenuta u li ghalihom huma responsabbli l-atturi u dwar dan qieghda tigi kontestwalment avvanzata rikonvenzjoni ;*

*9. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ir-rikonvenzjoni tal-kumpannija konvenuta li taqra hekk :

*1. Illi b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 fil-kawza "Francis Paris et vs Maltacom plc" (Citaz. Nru. 480/2002) gie ordnat li s-socjeta' konvenuta GO plc kellha timplimenta skema ta` pensjoni kif jirrizulta ahjar waqt skond l-imsemmija sentenza ;*

*2. Illi in segwitu tal-imsemmija sentenza, is-socjeta` konvenuta istitwiet proceduri ta` ritrattazzjoni quddiem l-istess Qorti tal-appell u li b`digriet moghti fl-14 ta` Jannar 2009 issospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza*

*in kwistjoni bil-kondizzjoni li tigi depozitata garanzija bankarja ta` €10,000,000, liema garanzija bankarja kienet giet debitament depozitata fit-23 ta` Jannar 2009 permezz ta` cedola ta` depozitu numru 99/09 ;*

*3. Illi fl-1 ta` Lulju 2009 giet imwaqqfa il-GO Service Pensions Scheme for ex-employees of Cable & Wireless u l-proceduri ta` ritrattazzjoni gew ceduti fis-7 ta` Lulju 2009 ;*

*4. Illi b`digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 2009, il-Qorti ordnat ir-rilaxx ta` €5,800,000 sabiex din is-somma tithallas lil dawk il-pensjonanti li lahqu ftehim ta` transazzjoni mas-socjeta` konvenuta filwaqt li l-bilanc ta` €4,200,000 kellu jibqa` kawtelat b`garanzija baknarja ghall-persuni l-ohra involuti fil-proceduri ;*

*5. Illi s-socjeta` konvenuta waqqfet l-iskema ta` pensjoni kif ordnata bis-sentenza tas-7 ta` Lulju 2008 fl-1 ta` Lulju 2009 b`effett mill-1 ta` Jannar 1975 u nhatar Amministratur tal-Iskema ;*

*6. Illi fic-cirkostanzi s-socjeta' rikorrenti ghandha interess, kif wara kollox ghandu jkun fl-interess tal-pensjonanti u beneficcjarji kollha tal-Iskema, li tirtira l-imsemmija garanzija bankarja sabiex tiffinanzja l-imsemmija skema ta` pensjoni, liema skema wara kollox lanqas hemm bzonn li tkun finanzjata b`ammont ta` €4,200,000 stante li gja jirrizulta illi dan l-ammont jeccedu b`mod konsiderevoli l-pretensjonijiet dedotti mill-atturi f`dawn il-proceduri ;*

*7. Illi l-garanzija bankarja ordnata mill-Qorti tal-Appell kienet intiza sabiex taghmel tajjeb ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fis-7 ta` Lulju 2008 a tenur tal-artiklu 823(2) tal-Kap.12 sabiex*

*tajjeb ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni, liema sentenzaordnat it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-Iskema ta` Pensjoni u mhux ukoll il-hlas u kanonizzazzjoni tal-pensjoni per se lill-pensjonanti fosthom lill-atturi jew min minnhom ;*

*8. Illi ghalhekk issa li giet mwaqqfa l-Iskema, ma hemmx lok li tibqa` tinghata garanzija u fi kwalunkwe kaz tali garanzija nghatat fil-kuntest tal-proceduri ta` ritrattazzjoni u sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni liema proceduri llum gew irtirati ;*

*9. Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont kawtelat bl-imsemmija garanzija bankarja hija in eccess tal-pretensjonijiet dedotti mill-atturi stess f`dawn il-proceduri bhala arretrati ta` pensjoni u liema garanzija kienet limitata sabiex tikkawtela biss tali arretrati u mhux pretensjonijiet ohra li qeghdin issa jigu avvanzati f`dawn il-proceduri, bil-konsegwenza ghalhekk li qed jigu nkorsi spejjez inutili ;*

*Ighidu ghalhekk l-atturi jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, u prevja kull dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun fic-cirkostanzi tal-kaz :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li ladarba twaqqfet l-Iskema ta` Pensjoni a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 ma hemmx lok li tinzamm il-garanzija bankarja numru 8820091873 mahruga minn HSBC Bank Malta plc fis-16 ta` Ottubru 2009.*

*2. Tordna konsegwentement li l-garanzija bankarja numru 8820091873 mahruga minn HSBC Bank Malta plc fis-16 ta` Ottubru 2009 tigi rilaxxjata favur is-socjeta` konvenuta sabiex din tigi kancellata.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma responsabbli ghall-izpejjez u danni nkorsi lis-socjeta` konvenuta konnessi mal-hrug tal-fuq imsemmija garanzija bankarja u minn mindu twaqqfet l-Iskema `l quddiem jew minn data ohra deciza mill-Qorti.*

*4. Tillikwida l-ispejjez u d-danni subiti ghal dan il-ghan.*

*5. Tikkundanna lill-atturi jew min minnhom sabiex solidament jew mod iehor ihallsu lis-socjeta` konvenuta l-ispejjez u danni hekk likwidati.*

*6. Fin-nuqqas tirriduci l-ammont kawtelata permezz ta` l-garanzija bankarja hawn fuq indikata b`ammont li ghandu jigi likwidat minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop stante li l-pretensjonijiet dedotti mill-istess atturi huma inferjuri ghal dak kawtelat bil-garanzija.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta ghall-fini tal-kontrotalba u l-elenku tad-dokumenti esebiti ghal dak l-iskop.

Rat in-nota prezentata mill-atturi fil-25 ta` Frar 2010 fejn kien dikjarat li l-attur Ronald Zarb Blackman kien sejjer jaghlaq 61 sena fit-3 ta` Marzu 2010.

Rat ir-risposta tal-attur ghar-rikonvenzjoni tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fl-1 ta` Marzu 2010 li taqra hekk :

*1. Illi t-talbiet hemm dedotti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.*

*2. Preliminarjament tali talba ma tolqotx lil min mill-esponenti ma kienux partijiet fil-kawza li a bazi taghha saret il-garanzija u f`dan is-sens huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza.*

*3. Ghar-rigward tal-ewwel talba jigi rilevat illi s-socjeta` rikonvenjonanti ma ottemperatx ruhha mal-ftehim tal-1975 u tal-198 kif ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 (u fis-sentenza precedenti fil-Prim` Awla ghal uhud mill-esponenti) u ghalhekk m`hemmx sequitur bejn l-ewwel u t-tieni parti tal-istess talba.*

*4. F`kull kaz anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li attwalment twaqqfet l-iskema tal-pensjoni fiz-zmien u taht l-kondizzjonijiet pattwiti, il-htiega tal-garanzija ghadha tissussisti u dan stante illi apparti li l-esponenti ghadhom ma rcevewx centezmu tal-pensjoni dovuta lilhom, il-garanzija hija mehtiega sabiex taghmel tajjeb anke ghall-pensjonijiet futuri. Ir-resistenza tas-socjeta` rikonvenzjonanti biex thallas l-pensjoni patwita, resistenza indikata bl-opposizzjoni qawwija murija kull meta intalbet l-pensjoni, komprizi mhux biss l-proceduri ta` ritrattazzjoni izda anke bl-opposizzjoni ghall-kawza odjerna u nuqqas ta` hlas in segwitu ghal ittri ufficjali precedenti. Mehud dan mal-fatt li, skond l-iskema proposta mis-socjeta` rikonvenzjonanti, min qed jamministra l-iskema m`hu responsabbli ghal xejn, ma taghti ebda garanzija ghall-hlas ta` pensjonijiet futuri, hija totalment dipendenti mis-socjeta` rikonvenzjonanti ghal fondi u li dawn l-ahhar sentejn s-socjeta` rikonvenzjonanti harget miljuni kbar ta` Ewro mill-fondi taghha u baghtithom il-Grecja u possibbli pajjizi ohra, ma jhallux l-konvizjoni pacifika li l-fondi necessarji ghall-hlas tal-pensjonijiet presenti u futuri spettanti lilhom huma salvagwardati.*

*5. Ghar-rigward tat-tieni talba, apparti l-premess, din ghaddiet in gudikat stante li tali talba gia` saret u giet michuda permezz ta` digriet tal-Qorti tal-Appell ezebit bhala Dok G11 tal-5 ta` Ottubru 2009. Din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tissupera dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell.*

*6. Illi dwar it-tielet talba jichdu li huma responsabbli ghal xi danni u dan fl-ewwel lok billi huma semplicement qeghdin jesigu d-drittijiet taghha skond il-ligi u skond kif gie pattwit fl-1975 u fl-1981 u kif deciz fis-sentenza li giet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Lulju 2008 (u ghal whud mill-esponenti fis-sentenza precedenti tal-Prim` Awla) u inoltre l-garanzija saret abbazi ta` dak li hemm, dispost fil-ligi meta l-istess rikonvenzjonanti interponew proceduri ta` ritrattazzjoni u ghalhekk ex lege kienu tenuti sabiex jipprovdu garanzija. Huwa anti-guridiku illi min jutilizza dritt moghti lilu skond il-ligi jigi mbaghad tenut responsabbli ghad-danni.*

*7. Ghar-rigward tar-raba` talba jigi sottomess illi ma hemm l-ebda danni x`jigu likwidati u ghar-rigward tal-hames talba apparti li abbazi tal-premess ma hemm l-ebda kundanna xi ssir, l-esponenti kopponu bil-qawwa illi tali kundanna ghandha ssir b`xi mod solidali. Ma hemm ebda solidarjeta` bejn l-esponenti, la legalment u lanqas fattwalment kemm fir-rigward tat-talba taghhom individwali ghall-pensjoni u kif ukoll ghall-allegata responsabilita` ghad-danni.*

*8. Ghar-rigward tas-sitt talba l-esponenti qeghdin jopponu li din tigi riddotta u dan stante illi apparti illi l-istess mertu gia` gie deciz bid-digriet ta` Ottubru 2009 fuq imsemmi, l-esponenti jikkontendu illi din il-garanzija m`ghandhiex tigi ridotta u dan stante illi ghandha taghmel tajjeb kemm ghall-arretrati kif ukoll ghall-pensjonijiet futuri*

*kif propju gie deciz fid-digriet tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmi u ghar-ragunijiet fuq imsemmija.*

*9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi ghall-fini tar-risposta taghhom ghall-kontrotalba.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Marzu 2010 fejn il-partijiet qablu li in vista tal-kwantita` kbira ta` rikorrenti, jekk tinqala` l-htiega ta` legittimazzjoni tal-atti minhabba mewt ta` attur, il-procedura ghandha tigi ndirizzata lejn it-tmiem tal-kawza sabiex l-*iter* tal-kawza ma jkunx intralcjat.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` April 2010 fejn, in vista tas-seba` eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta, ordnat lill-kumpannija konvenuta sabiex sat-22 ta` Mejju 2010 tipprezenta nota b`lista li jkun fiha s-salarji finali u n-numru ta` xhur ta` impieg ta` kull attur bil-ghan li l-provi mbaghad ikunu limitati biss ghal fejn ikun hemm divergenza bejn il-partijiet.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta (fol 226) fejn, in linea mad-digriet tat-22 ta` April 2010, tat it-taghrif li kien rikjest mill-atturi (fol 227).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Gunju 2010 (fol 235 – 236) fejn id-difensur tal-atturi, b`riferenza ghall-prospett tal-kumpannija konvenuta a fol 227, iddikjara li huwa kien qieghed jaqbel mal-prospett hlief fejn jirrigwarda lil Oswald Camilleri fejn il-figura trid tkun €7824 mhux €7458, Gerald Mifsud fejn il-figura trid tkun €8805 mhux €4956, Francis Pirotta fejn il-figura trid tkun €5382 mhux €4593, u Frank Rossi fejn il-figura trid tkun €8492 mhux €6869.

Rat in-nota tal-atturi (fol 272) fejn taw spjegazzjoni tal-*workings* taghhom kif jirrizultaw fid-dokument li pprezentaw.

Rat in-nota tal-atturi (fol 274) fejn kien dikjarat li wara li kisbu taghrif minghand il-kumpannija konvenuta, huma rrevedew il-prospett originali taghhom dwar l-arretrati dovuti sal-1 ta` Novembru 2009 u dwar il-pensjonijiet futuri. Ghalhekk hejjew u ressqu prospett rivedut (fol 275 sa 279) sabiex l-ammont pretiz minnhom gie jaqra €2,424,365 minflok €2,432,318. Per konsegwenza, it-talba attrici kienet ridotta ghall-figura ta` €2,424,365.

Semghet u qieset il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota tal-atturi (fol 481) fejn kien dikjarat li wara li kisbu aktar taghrif minghand il-kumpannija konvenuta, huma rrevedew il-prospett originali taghhom dwar l-arretrati dovuti sal-1 ta` Novembru 2009 u dwar il-pensjonijiet futuri. Ghalhekk, hejjew u ressqu prospett rivedut (fol 482 sa 485) sabiex l-ammont pretiz minnhom gie jaqra €2,400,972. Per konsegwenza, it-talba attrici kienet ridotta ghall-figura ta` €2,400,972.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi li kienet prezentata fis-7 ta` Settembru 2010 (fol 487 sa 507).

Rat in-nota tal-atturi (fol 509) fejn, b`riferenza ghall-prospett li kien esebit man-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, irrilevaw li kien hemm nieqsa l-kalkoli ghal *devaluation effect* u l-interessi fir-rigward ta` William Cutugno, Albert Camilleri u John Meli. Ghalhekk kienet prezentata zieda li tirrigwarda dawn it-tliet persuni (fol 510).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fid-29 ta` Ottubru 2010 (fol 517 sa 531).

Rat in-nota (fol 534) fejn l-atturi Vicky armla ta` Oswald Camilleri u binha Mark Camilleri bhala successuri fid-drittijiet ta` Oswald Camilleri cedew il-kawza. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi l-ohra kellhom jigu ridotti bl-ammont ta` €28,105 fir-rigward tal-pensjoni, bl-ammont ta` €29,350 fir-rigward ta` interessi u bl-ammont ta` €44,206 fir-rigward tad-*devaluation.*

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-isfond</u>**

L-atturi kienu impjegati mal-Cable and Wireless Limited. Wara li twaqqfet il-Korporazzjoni Telemalta, huma saru impjegati taghha. In segwitu din il-Korporazzjoni saret Maltacom p.l.c. Il-Korporazzjoni Telemalta ghamlet ftehim (DOK D – fol 82 sa 91) datat 23 ta` Lulju 1975 u effettiv mill-1 ta` Jannar 1975 fejn fi klawsola 8.1 qalet hekk – "*It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the*

*Corporation*”. Dan il-ftehim kien konfermat bi ftehim iehor tal-5 ta’ Novembru 1981 (DOK E – fol 93 u 94). Infatti fi klawsola 1.2 jinghad – “*Both parties declare that the Agreement covering the conditions of work of the employees formerly employed by Cable & Wireless Ltd., entered into on the 23rd July 1975 is still valid save where it has been amended by this Agreement.*” Jirrizulta li l-ftehim tal-5 ta` Novembru 1981 ma ghamel l-ebda kambjament fil-klawsola tal-ftehim tat-23 ta` Lulju 1975 li kienet tittratta l-pensjoni. Il-Korporazzjoni Telemalta baqghet ma ghamlitx l-iskema ta` pensjoni favur il-haddiema. L-istess ma ghamlitx il-kumpannija Maltacom plc u l-kumpannija GO plc warajha.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Is-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta` Ottubru 2004 fil-kawza fl-ismijiet “Francis Paris et vs Maltacom plc” (Citaz. Nru. 480/2002)</u>**

Fis-26 ta` April 2002, uhud mill-atturi fil-kawza tal-lum ghamlu l-kawza fuq riferita fejn talbu lill-Qorti sabiex -

*1. tiffissa zmien qasir u perentorju li fih il-Maltacom p.l.c. timplimenta l-iskema ta’ pensjoni skond il-ftehim imsemmi liema skema tkun applikabbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi ex impjegati tal-Cable and Wireless Limited fuq il-bazi ta’ paga u zmien ta’ servizz li japplika ghal kaz tieghu jew taghha ; u*

*2. F’kaz li jkun ghadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jigi jorbot bis-sahha ta’ l-istess sentenza.*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2004 din il-Qorti diversament presjeduta (“l-Ewwel Qorti”) *inter alia* ddecidiet hekk -

*" … tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' dawk mill-atturi li rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta' Ottubru 1992, jigifieri il-hamsa u tletin persuna indikata aktar qabel, u ghall-fini tal-ewwel talba tipprefigi terminu ta' tlett xhur millum biex is-socjeta' konvenuta timplimenta skema ta' pensjoni ghall-atturi indikati a bazi tal-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975, liema skema ghandha titqies li ddahlet f'operazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1975, u li ghandha jkollha bhala l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki patwiti, tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat ; f'kaz li s-socjeta' konvenuta tonqos li timplimenta skema tal-pensjoni fi zmien hawn indikat, il-Qorti tordna li l-iskema titqies implimentata b'effett ta' din is-sentenza, ghandha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975, u ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki mehtiega minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz u bil-modifiki mehtiega minhabba dak li gie espressament patwit fil-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975 …"*

Lista ta` l-35 attur li rtiraw qabel l-1 ta` Ottubru 1992 tidher a fol 53 u 54 tal-process.

Fil-*considerandi* tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-7 ta` Ottubru 2004, jinghad hekk dwar il-beneficcji li kellhom jirrizultaw mill-iskema :--

*" … Fl-1975, meta gie iffirmat il-ftehim mal-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless Ltd, impjegati li kien jahdmu ma` kumpaniji jew ghaqdiet privati ma kellhom ebda dritt ghal pensjoni meta jirtiraw, izda kellhom biss dritt ghal "flat rate minimum pension" taht in-National Insurance Act tal-1956. Kienu biss il-haddiema tal-Gvern li, taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), kellhom dritt ghal pensjoni relatata mas-salarju taghhom. Il-pensjoni kienet ekwivalenti ghal zewg terzi tas-salarju, u kienu jiehdu din il-pensjoni shiha f'kaz li kellhom 30 sena servizz warajhom meta jirtiraw ; f'kaz li, meta jirtiraw, jkollhom*

*anqas minn 30 sena servizz, huma jiehdu proporzjoni tal-pensjoni li kienu jiehdu kieku kellhom 30 sena servizz, b'dan li tal-anqas kien mehtieg li jkollhom 10 snin servizz. Impjegat li jirtira qabel ma jkollu 10 snin servizz mal-Gvern ma kien intitolat ghal ebda pensjoni. Ma kien hemm ebda massimu ta' pensjoni li l-ex impjegat seta' jiehu, u din kienet tinhaddem fuq bazi ta' zewg terzi tas-salarju minghajr "capping". Huwa car li din kienet il-pensjoni li l-partijiet kellhom f'mohhom meta ffirmaw il-ftehim tal-1975, u meta fil-klawsola 8 qablu li l-Korporazzjoni "will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government". L-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless kienu jikkontribwixxu ghal skema ta' pensjoni privata li kienet waqfet il-kumpanija Cable and Wireless Ltd, u dan billi jhallsu parti mis-salarju taghhom ghal dan l-iskop. Meta din is-socjeta' waqfet topera hawn Malta, l-haddiema inghatatilhom ghazla li jew jiehdu "lump sum payment", jew li l-istess pensjoni tigi frizata sa ma jaghlqu l-eta' ta' sittin sena; hemm min ghazel l-ewwel alternattiva u hemm min ghazel it-tieni u ha pensjoni minghand is-socjeta' Cable and Wireless meta ghalaq l-eta' ta' sittin sena. Il-haddiema, pero', kien ghad fadallhom zmien ta' servizz x'jaghtu, u meta gew inkorporati fl-istruttura tal-Korporazzjoni Telemalta riedu jikkawtelaw ruhhom ghal pensjoni futura taghhom, ghal wara li jkunu hadmu, bhala impjegati tal-Korporazzjoni, u dan billi jigi riservat lilhom dritt ta' pensjoni kif kellhom meta kienu impjegati ta' Cable and Wireless Ltd. Ghalhekk, sar qbil, li dawk l-ex impjegati tal-Cable and Wireless jidhlu fi skema gdida ta' pensjoni li kellha tohloq il-Korporazzjoni Telemalta u li kellha tkun simili ghal dik allura vigenti ghall-haddiema tal-Gvern …*"

Fil-kawza, l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghax-xhieda li kien ta Albert Tabone, li kien ic-Chief Executive tal-Korporazzjoni Telemalta, fil-kawza *"Camilleri vs Galea Debono nomine" (citazzjoni numru 1202/93)"* meta xehed hekk –

*" … L-"undertaking" kien, skond il-ftehim, illi jkun hemm skema simili bhal dik li kienet tezisti ghall-impjegati tal-gvern f'dak li jirrigwarda pensjoni. L-intenzjoni tan-*

*negozjati kienet illi allavolja skond il-ligi min ma kellux ghaxar snin servizz kien jiehu "gratuity" u mhux pensjoni, fl-"agreement" konna nnegozjajna biex anke min ikollu inqas minn ghaxar snin servizz jiehu l-"full pension" u mhux a bazi tas-servizzi li kien ghamel u mhux il-"gratuity". Kien hemm paragrafu wkoll illi min imut waqt is-servizz, il-mara tieghu kellha d-dritt ghal sena salarju …Dawn il-varjazzjonijiet mill-pensjoni li s-soltu joffri l-Gvern gew inkorporati fil-ftehim …* "

L-Ewwel Qorti kompliet tesprimi ruhha hekk :-

" … *Il-fatt li l-partijiet hasbu biex jaghtu lill-haddiema pensjoni anke jekk ma jkollhomx ghaxar snin servizz, juri wkoll bic-car li r-riferenza kellha ssir dejjem ghal iskema tal-pensjoni allura vigenti favur il-haddiema tal-Gvern taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93). Dan ikkonfermatu wkoll din il-Qorti fis-sentenza finali li tat fil-kawza fuq imsemmija u li giet moghtija fil-31 ta' Mejju, 1999. "Il-ftehim tal-1975 ma setghax jirreferi ghal iskema ta' pensjoni nazzjonali ta' zewg terzi ghal kulhadd, ghax din l-iskema lanqas biss kienet tezisti jew kontemplata meta gie iffirmat dan il-ftehim. L-iskema ta' pensjoni nazzjonali ta' zewg terzi giet introdotta bl-Att XXI tal-1979, u kwindi zgur li ma kenetx u ma setghetx tkun il-pensjoni kontemplata fil-ftehim tal-1975. Tajjeb li jigi osservat ukoll li dan l-Att ma hassarx u ma irrevokax id-dritt ghas-service pension li kellhom dritt ghaliha l-haddiema tal-Gvern taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93). Nonostante d-dhul ta' din il-pensjoni nazzjonali, l-haddiema tal-Gvern baqghu intitolati ghas-service pensjoni partikolari taghhom, u dan bla ebda tnaqqis. It-tnaqqis li, fil-fatt, gie kontemplat ma kienx fis-service pension, izda fil-pensjoni nazzjonali, b'mod li,*
*ghalkemm l-impjegati tal-Gvern gew intitolati wkoll ghal din il-pensjoni nazzjonali (taht in National Insurance Act tal-1956), din kellha titnaqqas b'ammont ekwivalenti tal-pensjoni tas-servizz li kienu intitolati ghaliha (taht il-Pension Ordinance tal-1937), biex il-pensjoni finali li jiehu l-impjegat tal-Gvern ma tigix teccedi z-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tieghu …* "

Izzid l-Ewwel Qorti –

" … *Il-ftehim tal-1975 kien jikkontempla service pension simili ghal dik tal-haddiema tac-Civil mal-Gvern, u dan kien verosimili meta tqis li l-Korporazzjoni Telemalta kienet, dak iz-zmien, "wholly owned" mill-Gvern. L-idea kienet li dawn il-haddiema "tal-Gvern", jitpoggew, bejn wiehed u iehor, f'pozizzjoni simili bhala haddiema tac-Civil mal-Gvern, u dan ghal dak li jirrigwarda l-pensjoni taghhom …Il-pensjoni li kellhom jiehdu l-ex impjegati tal-Cable and Wireless Ltd, ghandha tkun pensjoni "simili" ghal dik li kienu intitolati ghaliha l-haddiema tal-Gvern fl-1979, u din il-pensjoni tas-servizz kienet u ghada tifforma parti mill-Ordinament Guridiku Malti …Il-ligi dwar is-Sigurta' Nazzjonali hasbet hi stess biex tillimita l-ammont ta' pensjoni li wiehed jista' jiehu, izda dan m'ghamlitux billi hassret kull pensjoni precedenti, jew li suppost kellha tkun vigenti qabel id-dhul tal-pensjoni nazzjonali …"*

Tissokta tghid l-Ewwel Qorti –

"*… l-Korporazzjoni Telemalta kellha tforni lill-ex impjegati ta' Cable and Wireless Ltd. bi skema ta' pensjoni simili ghal dik adoperata mill-Gvern ghall-impjegati tieghu. Issa, jirrizulta li s-service pension li kienu jgawdu l-haddiema tal-Gvern kienet non kontributorja, u kienu intitolati ghaliha bis-sahha tas-servizz li huma jaghtu lill-Gvern u minghajr ma jikkontribwixxu ghaliha, lanqas billi titnaqqsilhom xi percentagg mis-salarju. Il-haddiema tal-Gvern kienu, allura, jippartecipaw fl-iskema tal-pensjoni minghajr ma jikkontribwixxu ghaliha, u l-iskema li l-Korporazzjoni obbligat ruhha li twaqqaf kellha tkun simili ghal din …"*

Issostni tghid l-Ewwel Qorti –

"… *Dik il-klawsola* (u cioe` il-klawsola 8 tal-ftehim tal-1975) *hija cara, fis-sens li l-Korporazzjoni Telemalta kellha timplimenta skema ta' pensjoni simili ghal dik applikabbli ghall-haddiema tac-Civil tal-Gvern. Il-pensjoni tas-servizz tal-haddiema tal-Gvern hija regolata bl-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), u l-Korporazzjoni/socjeta' konvenuta ghandha, ghalhekk, mudell car u definit li tista' tuza ghall-iskop indikat, salv l-emendi li gew miftiehma fl-istess ftehim. Skema ta' pensjoni, hu veru, hija komplessa, pero', wahda simili ghal dik li qed jitolbu l-atturi gia tezisti, u bazikament hija skema ta' pensjoni simili li l-Korporazzjoni Telemalta kellha tintroduci fl-1975. Il-Korporazzjoni Telemalta u s-socjeta' Maltacom ma inghatawx diskrizzjoni wiesgha fil-holqien tal-iskema tal-pensjoni. L-iskema tal-pensjoni ghandha tkun "bhal" jew "simili" dik tal-Gvern, li, fl-essenza taghha kienet pensjoni non kontributorja u kienet tinghata wara ghaxar snin servizz ; l-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta' zewg terzi tas-salarju minghajr capping. Dan hu l-qafas li kellu jigi introdott bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-haddiema li kellhom il-fuq minn 50 sena u, kwindi, jaghtu anqas minn ghaxar snin servizz, xorta wahda jkunu intitolati ghal pensjoni …"*

Lejn l-ahhar l-Ewwel Qorti tigbor il-hsieb taghha hekk –

*" … L-iskema tal-pensjoni, jekk tinkorpora l-artikoli bazici u originali tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, partikolarment l-artikoli 6, 7, 10, 12, u 13 sa 18, bl-emendi maqbula fil-ftehim tal-1975, ghandha sservi ghall-iskop indikat …"*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 fil-kawza fl- ismijiet "Francis Paris et vs Maltacom plc" (Citaz. Nru. 480/2002)</u>**

Fl-analizi tal-fatti tal-kaz, il-Qorti tal-Appell irrilevat li f'Marzu 1980 l-konvenuti ddecidew *unilateralment u irregolarment* li ma kienux ser jimplimentaw l-iskema ta' pensjoni miftiehma fil-1975 *in vista tal-introduzzjoni fil-1979 tal-iskema ta' pensjoni nazzjonali u cioe` dik maghrufa bhala tad-due terzi*.

Dwar l-iskema, il-Qorti, bi qbil mal-Ewwel Qorti, osservat hekk dwar il-klawsola 8.1 tal-ftehim tal-1975 –

*" … Hu car li skond l-imsemmija klawsola l-konvenuti obbligaw ruhhom li jimplimentaw skema ta' pensjonijiet. Inoltre l-partijiet ftehmu li din l-iskema kellha tkun simili ghal dik tal-Gvern. Hu car li l-partijiet meta ftehmu fil-1975 kellhom f'mohhom il-provvedimenti tal-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap.93) li dak iz-zmien kienet tirregola l-pensjonijiet tal-haddiema tal-Gvern. Skond l-imsemmija provedimenti l-haddiema mal-Gvern kienu intitolati ghal pensjoni li kienet relatata mas-salarju taghhom u cioe' zewg terzi tas-salarju.*
*Il-partijiet ftehmu wkoll fil-1975 li anke jekk impjegat ma kellux ghaxar (10) snin servizz huwa xorta wahda kellu jkun intitolat ghal pensjoni, li kellha tkun ibbazata fuq il-perjodu ta' servizz attwali moghti lill-Korporazzjoni. Il-partijiet ghalhekk mhux biss ftehmu li kellha tigi implimentata skema ta' pensjoni, izda ftehmu wkoll liema forma kellha tiehu din l-istess skema. Issa l-ewwel Qorti, fost affarijiet ohra, ddecidiet, fil-konfront ta' dawk l-atturi li rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, billi pprefiggiet terminu li fih il-konvenuti kellhom jimplimentaw l-iskema in kwestjoni u liema skema, skond is-sentenza appellata, kellha "jkollha bhala l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki patwiti." Inoltre tali skema trid tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat. Il-Qorti kompliet tipprovdi billi ordnat li f'kaz li l-konvenuti jonqsu li jimplimentaw tali skema tal-pensjoni fi zmien lilhom moghti, l-istess iskema kellha titqies li hi implimentata b'effett tal-istess sentenza u dana b'sehh mill-1 ta' Jannar, 1975. Skond l-ewwel*

*Qorti l-iskema ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki necessarji skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u skond kif mehtiega minn dak espressament patwit fil-ftehim in kwestjoni tal-1975.*

Limitatament dwar xi relazzjoni li seta` kien hemm bejn in-nuqqas ta` introduzzjoni tal-iskema ta` pensjoni minhabba li lahqet tnediet il-pensjoni taz-zewg terzi fl-1979, il-Qorti tal-Appell qieset hekk -

*" … jekk l-atturi ghandhom id-dritt li jircievu pensjoni tas-servizz, dan id-dritt per se jibqa' jesisti apparti kull pensjoni ohra li jistghu jkunu intitolati ghaliha l-atturi u irrispettivament mill-fatt li xi pensjoni ohra trid titnaqqas bl-ammont tal-pensjoni tas-servizz … Il-fatt li skond il-ligi l-pensjoni tas-servizz trid titnaqqas mill-pensjoni nazzjonali introdotta fil-1979 ma jesentax lill-konvenuti milli jimplimentaw l-iskema in kwestjoni … Ghalhekk il-konvenuti ma kienux korretti meta rrifjutaw li jvaraw l-iskema in kwestjoni. Barra minn hekk il-ftehim sar fil-1975 u l-Att li bih giet introdotta l-pensjoni nazzjonali kien tal-1979. Ghalhekk il-konvenuti zgur hlew erba' snin li fihom setghu facilment jimplimentaw l-iskema in kwestjoni. Jista' jkun li l-implimentazzjoni ta' skema bhal dik in kwestjoni tista tkun kumplessa u komplikata. Erba' snin pero' hu zmien bizzejjed biex l-iskema setghet tigi varata. Donnu li l-konvenuti qaghdu jistennew li jigu in vigore l-provvedimenti tal-1979 dwar pensjoni nazzjonali sabiex huma jevitaw l-obbligi taghhom naxxenti mill-ftehim tal-1975. Inoltre l-konvenuti stess jikkoncedu li l-iskema tal-pensjoni tas-servizz tal-gvern kontemplata fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet ma gietx abrogata bl-emendi ta' l-1979, pero` skond il-konvenuti la darba lill-atturi inghatalhom id-dritt li jiehdu l-pensjoni tad-due terzi huma gew f'pozizzjoni 'simili' jekk mhux identika ghal dik ta' l-ufficjali pubblici u dan ghal dak li jirrigwarda jew jikkoncerna l-pensjoni. F'dan ir-rigward irid jigi rilevat li, skond il-ftehim in kwestjoni, kienet l-iskema tal-pensjoni tas-servizz ghall-atturi li kellha tkun "simili" ghal dik tal-*

*Gvern u mhux il-posizzjoni tal-atturi fil-konfront ta' ufficjali pubblici …*"

Fejn il-Qorti tal-Appell ma qablitx mad-decizjoni tal-Ewwel Qorti kien meta l-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet biss fil-konfront tal-35 attur li kienu lahqu rtiraw mix-xoghol qabel l-1 ta` Ottubru 1992. Din kienet il-motivazzjoni tal-Qorti tal-Appell –

*" … l-klawsola numru tmienja tal-ftehim tal-1975 ma thassritx bl-ebda ftehim iehor sussegwenti … Ma hemmx dubju li l-ftehim tal-1981 ma hassarx il-klawsola tmienja tal-ftehim ta' l-1975 in kwestjoni anzi indirettament l-istess klawsola giet konfermata bl-imsemmi ftehim tal-1981 …L-atturi kienu akkwistaw drittijiet bil-ftehim tal-1975 u minn imkien ma jirrizulta b'mod car li huma riedu jirrinunzjaw ghal tali drittijiet u dan ukoll minghajr ebda korrispettiv …konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-atturi kollha. Ghalhekk l-atturi kollha ghandhom dritt ghall-pensjoni tas-servizz, liema pensjoni ghandha tkun intatta. Ghalhekk in konkluzjoni ghandu jinghad li d-dritt ghal pensjoni tas-servizz ta' l-atturi gie akkwistat fl-1975 u baqa' minghajr ma gie rivedut jew imhassar almenu sa meta inbdew dawn il-proceduri.*

Dwar it-tfassil u thaddim tal-iskema ta` pensjoni, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*" … il-partijiet ftehmu l-parametri u l-forma li kellha tiehu tali skema ta' pensjoni u l-klawsola in kwestjoni hawn hi cara u inekwivoka. Il-konvenuti ftehmu u qablu li kellhom jimplimentaw skema ta' pensjoni simili ghal dik tal-Gvern. Kwindi l-konvenuti ghandhom mudell car u ben definit kif kellha tkun l-istess skema. Ghalhekk hu zgur li l-konvenuti ma nghatawx diskrezzjoni illimitata izda l-konfini tal-iskema gew ben delineati fil-ftehim …*
*Il-kelma "similar" fil-klawsola in kwestjoni u l-kliem "it is understood" fl-istess klawsola appuntu jindikaw li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jvaraw l-iskema in kwestjoni u l-istess kliem huma ukoll indikattivi li l-partijiet kellhom*

*f'mohhom il-forma li kellha tiehu l-istess skema. L-imsemmija kliem ma jindikawx, kif qed isostnu il-konvenuti, li l-istess konvenuti nghataw diskrezzjoni wiesgha f'dan ir-rigward. L-iskema tal-pensjoni kellha tkun "bhal" jew "simili" dik tal-Gvern, li, fl-essenza taghha kienet pensjoni non kontributorja u kienet tinghata wara ghaxar snin servizz. L-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta' zewg terzi tas-salarju. Dan hu l-qafas tal-iskema, li kellha tigi introdotta bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-haddiema li kellhom il-fuq minn 50 sena u, kwindi, kienu ser jaghtu anqas minn ghaxar snin servizz, xorta wahda jkunu intitolati ghal pensjoni. Din l-iskema tal-pensjoni trid tinkorpora l-artikoli bazici u originali tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, partikolarment l-artikoli 6, 7, 10, 12, u 13 sa 18, bl-emendi maqbula fil-ftehim tal-1975.*

Il-parti tad-*decide* tal-Qorti tal-Appell li ghandu rilevanza u effett ghall-fini ta` l-kawza tal-lum huwa fl-ewwel lok li l-atturi kollha u allura l-haddiema kollha ex Cable & Wireless (kien meta kienet id-data tal-irtirar taghhom) kellhom dritt jesigu li ssir skema ta` pensjoni li tkoprihom ilkoll (u mhux biss uhud) u fit-tieni lok kien prefiss terminu ta` tlett xhur mid-data tas-sentenza sabiex il-konvenuti jimplimentaw skema ta' pensjoni ghall-atturi kollha f`dik il-kawza a bazi tal-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975, liema skema kellha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975. Bhala qafas, l-iskema kellu jkollha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki pattwiti, kellha tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat. Fit-tielet lok, fil-kaz li l-konvenuti jonqsu li jimplimentaw l-imsemmija skema tal-pensjoni fiz-zmien moghti, il-Qorti tal-Appell ordnat li l-iskema ghandha titqies implimentata b'effett mid-data tas-sentenza u kellha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975 u kellha titqies li tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki mehtiega minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz u bil-modifiki mehtiega minhabba dak li gie

espressament pattwit fil-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Karenza ta` interess</u>**

Limitatament fil-konfront tal-atturi Raphael Naudi, Mario Borg, Joseph Cachia, Joseph Tabone, Joseph Formosa, Alfred Galea, William Mock, Alfred Spiteri u Rona Zarb Blackman, il-kumpannija konvenuta eccepiet il-karenza ta` interess guridiku ghar-raguni li fil-kaz ta` Raphael Naudi kien ghadu fl-impjieg, waqt li l-ohrajn ghalkemm irtiraw mill-impjieg ghadhom ma ghalqux il-wiehed u sittin sena.

Huwa risaput li min jipproponi kawza, irid ikollu interess li jrid ikun (a) guridiku : jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; (b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari ; (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment
ta' dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.' (**<u>Muscat vs</u> <u>Buttigieg</u>** : Vol. LXXIV.II.481)

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza "**<u>Formosa Gauci vs Lanfanco</u>**" il-Qorti tal-Appell elenkat l-principji li jikkwalifikaw dan l-interess -

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali ;

(ii) l-istat attwali ta’ ksur ta’ jedd jikkonsisti f’kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq ;

iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta’ l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha ;

iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta’ utilita’ u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk lazzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi ;

v) l-interess guridiku jrid jibqa’ jissussisti tul il-hajja kollha ta’ l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li limharrek jinheles milli jibqa’ fil-kawza ;

vi) l-interess ta’ l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta’ l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat ;

vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Madankollu, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’il quddiem ;

viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku ;

ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess
guridiku mehtieg.

Applikat il-premess ghall-istanza tad-disa` atturi msemmija, din il-Qorti tghid li huma ghandhom l-interess rikjest mil-ligi ghaliex ghad illi decizjoni ta` din il-Qorti dwar it-talbiet kif dedotti mhux se jwassal bhala konsegwenza ghal dhul finanzjarju da parti taghhom, fl-istess waqt ma hemm l-ebda dubbju li r-risultat tal-azzjoni jkun certament utili jew ta` vantagg ghalihom fiz-zmien meta jkunu jikkwalifikaw ghall-beneficcju tal-iskema.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` karenza ta` interess fil-kaz tal-atturi Raphael Naudi, Mario Borg, Joseph Cachia, Joseph Tabone, Joseph Formosa, Alfred Galea, William Mock, Alfred Spiteri u Rona Zarb Blackman.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Il-Kap.93</u>**

Xhud rilevanti kienet Grace Micallef mit-Taqsima tal-Pensjonijiet fid-Dipartiment tat-Tezor (fol 237 et seq) li xehdet dwar kif tahdem il-pensjoni tat-Tezor fil-kuntest tal-Kap.93 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tixhed li meta persuna tirtira mis-servizz civili ghandha zewg ghazliet : jew tiehu pensjoni shiha, jew pensjoni u somma (*gratuity*). Pensjoni shiha tfisser li l-persuna tiehu zewg terzi tal-paga jekk ikollha tletin (30)

sena servizz pero` ma tiehux somma. Jekk taghzel minflok li tiehu pensjoni u somma, allura f`dak il-kaz il-persuna tiehu bhala pensjoni tliet kwarti taz-zewg terzi tal-pensjoni shiha, u bhala somma, tiehu d-differenza bejn il-pensjoni shiha u l-pensjoni kif tkun ridotta meta tigi tliet kwarti, moltiplikata bi 12.5. L-ghazla hija tal-pensjonant mhux tal-Gvern. Il-pensjoni tat-tezor tibqa` dejjem fissa. Il-persuna tkun intitolata wkoll ghal pensjoni tas-sigurta` socjali abbazi tal-kontribuzzjonijiet li tkun hallset. Il-pensjoni tat-tezor hija rizervata ghal dawk il-persuni li dahlu fl-impieg mal-Gvern qabel l-15 ta` Jannar 1979.

Tixhed li ghal dawk li jaghzlu li jiehdu pensjoni biss, dawk li dahlu mal-Gvern qabel il-15 ta` Jannar 1979, sabiex jiehdu l-massimu, irid ikunu hadmu tal-inqas ghal tletin (30) sena u jiehu zewg terzi tal-ahhar salarju (*ending salary*) taghhom. Min ikun hadem anqas minn tletin (30) sena sa meta jigi biex jirtira, il-formola hija li s-snin tikkonvertihom f`xhur u tiddividi kollox bil-figura ta` 540 u minn hemm tohrog il-pensjoni shiha. Ghal min jaghzel parti pensjoni u parti somma, tigi adottata l-istess procedura bhall-ohrajn tat-tliet kwarti tar-rizultat moltiplikat bi 12.5.

Tixhed li wara li l-persuna taghzel, il-file ighaddi ghand il-President ta` Malta ghall-firma. Sakemm il-President jiffirma, il-persuna tista` tibdel il-fehma pero` jekk ikun lahaq iffirma, ma jistax ikun hemm kambjament.

Tixhed li pensjoni minn xi sors iehor ma jeffettwax il-pensjoni tat-Tezor. Ghalhekk jekk il-persuna tkun intitolata wkoll ghal pensjoni tas-sigurta` socjali, u jkun hemm lok ghal tnaqqis, dan isir minn din il-pensjoni mhux minn tat-Tezor.

**Ikkunsidrat :**

## VII. L-iskema tal-kumpannija konvenuta

L-iskema maghrufa bhala *The GO Service Pensions Scheme for Ex-employees of Cable and Wireless Ltd* giet kostitwita mill-kumpannija konvenuta fl-1 ta` Lulju 2009 bhala konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 b`effett mill-1 ta` Jannar 1975 skond l-Avviz Legali 167 tal-2009 (ara DOK G12 minn fol 197 sa 208).

Dwar il-Computation of Service Pension, l-Art.20 ighid hekk -

*Subject to the provisions of the Rules and of the provisions of this Scheme any employee to whom a service pension is payabele in accordance with the Rules and terms and conditions of this Scheme may be granted a pension at the rate of one five-hundredth and fortieth (1/540) of his pension emoluments for each complete month of pensionable service, provided that in no case may the annual pension granted to any employee under this scheme exceed two thirds (2/3) of the last pensionable emolument.*

Fl-Art.29 jinghad li –

*The employee to whom a pension may be granted in accordance with this Scheme may in lieu and in settlement of receiving a monthly pension payable in accordance with this scheme including any arrears and future payments payable under this Scheme opt for the payment of a sum equal to that pension that would have been payable for two years from the date of retirement.*

Fl-Art. 42 jinghad li –

*The Scheme shall terminate ipso jure when all obligations of the Company shall be honoured.*

Waqt li fl-Art.45 hemm li –
*The Company reserves the right to from time to time amend vary or suplement the Rules set foth in the Schedule, provided that the rights of the plaintiffs in the above mentioned court judgement are not prejudiced.*

Fix-xhieda tieghu, l-attur Francis Paris (minn fol 252 et seq) xehed li l-iskema li ghamlet GO ma kenitx konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghax thalliet barra ghal kollox l-kommutazzjoni u kien hemm kondizzjonijiet ohra li ma kienux skond is-sentenza. Inoltre lanqas ma kienet konformi mal-Ordinanza tal-Pensjonijiet Kap.93 Meta saret l-iskema, GO ma tkellmux maghhom. Ghalkemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kien sar invit lill-partijiet sabiex jiltaqghu dwar l-iskema, huma kitbu lil GO izda din ma wegibtx. Ghalhekk huma ma kienu bl-ebda mod involut fit-tfassil tal-iskema.

Fix-xhieda tieghu (fol 298 et seq) Edmond Brincat mill-kumpannija konvenuta qal li l-iskema tfasslet wara konsultazzjoni shiha ma’ enti pubblici, nies teknici u legali. Wara li harget l-exemption order mill-MFSA twaqqfet l-iskema. Qabel harget l-exemption order, saret offerta lill-beneficjarji li ma giex accettata hlief minn persuna wahda. Wara li harget l-exemption order, saret offerta ohra li giet accettata minn 116 beneficcjarju iehor.. Il-bqija rrifjutaw. Il-*bone of contention* mal-parti l-ohra kienet li GO sostniet li l-commutation ma kenitx parti mis-sentenza. L-offerta saret wara li kienu ccarati kwistjoni ta` taxxa md-Dipartiment tat-Taxxi Interni u kwistjoni ta` *abatement* mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Infatti l;-*income tax* nizlet minn 35% ghal 7.5%. Waqt li s-Sigurta` Socjali accettaw li jekk isir hlas ta` *lump sum* ma jkunx hemm *abatement* ta` hlasijiet ta` sigurta` socjali. L-intervent fuq l-*abatement* vis-a-vis id-Dipartiment tas-sigurta` Socjali kien ta` beneficcju kemm ghall-pensjonanti kif ukoll ghall-kumpannija. L-offerta li saret kienet vantaggjuza ghaliex il-persuna kien jiehu kollox fil-pront b`kalkolu ta` *life expectancy* ta` 81 sena.

Ix-xhud kompla jghid li GO kellha likwidita` bizzejjed sabiex thallas l-arretrati u thaddem l-iskema minghajr il-htiega ta` garanzija. Bil-garanzija *in place* qeghdin ihallsu spejjez kull tliet xhur. L-investimenti li GO kienet qeghda taghmel il-Grecja b`ebda mod ma kien sejjer jeffettwa l-iskema.sejra teffettwa. Ikkonferma li sabiex saret l-iskema ma kien hemmx konsultazzjoni mal-pensjonanti avolja dawn offrew li jikkonsultaw pero` kontra GO kien hemm il-fattur tal-hin. GO riedet tasal ghal lump sum payment flok hlas ta` pensjoni. Saret *provision* finali ta` €14 miljun ghal kull min seta` kien beneficcjarju, wara kien meqjus kollox, u hadu l-pariri tal-esperti. Id-dritt tal-pensjoni hareg mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. U hemm twieled id-dritt (fol 316).

Kompla jixhed li l-intiza kienet li l-iskema titwaqqaf skond is-sentenza. Il-parir legali li kellha GO kienet li ma kenitx obbligata timplimenta l-*one fourth commutation* applikabbli fil-kaz tal-pensjoni tat-Tezor.

**Ikkunsidrat :**

**VIII. <u>Il-fehma ta` din il-Qorti</u>**

Jirrizulta car hafna mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 li l-iskema tal-pensjoni kellha **<u>tikkomprendi</u>** l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap.93). Fl-istess waqt l-iskema ma kellhiex tkun limitata jew ristretta biss ghal dawk id-disposizzjonijiet.

Fejn jirrigwarda dawk id-disposizzjonijiet partikolari, dawn jitkellmu dwar *pensjoni,* ***<u>gratifikazzjoni</u>*** *jew allowance.* L-Art.6 jittratta dwar meta servizz ma jaghtix lok ghal pensjoni. L-Art.7 jaghti lista tac-cirkostanzi li fiha

pensjoni tista` tinghata. L-Art.10 tittratta l-massimu ta` pensjoni li jista` jinghata. L-Art.12 jirrigwarda l-kaz ta` ufficjali li jkun gie moghti pensjoni taht l-Ordinanza u mbaghad jigi mahtur ghal xi kariga ohra fis-servizz ta` Malta. Dwar dawn il-persuni, l-Art.13 jittratta dwar l-effett ta` dak l-impieg mill-gdid fuq il-gratifikazzjoni. L-Art.14 huwa dwar ufficjali tal-Gvern mahtura ghall-impiegi fl-Universita` u li, wara jergghu jidhlu fis-servizz tal-Gvern. L-Art.15 ighid li ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance ma tista` tigi ceduta. L-Art.16 jittratta dwar il-kaz meta pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance tispicca jekk l-ufficjal koncernat ifalli filwaqt li l-Art.17 ighid li tispicca wara kundanna. Waqt li l-Art.18 ighid meta pensjoni jew allowance tkun imnaqqsa f`certi cirkostanzi.

Ghal din il-Qorti, kif del resto jirrizulta kjarament mis-sentenza tas-7 ta` Lulju 2008, il-pensjoni tal-ex haddiema tal-Cable & Wireless kellha tkun *bhal dik* tal-pensjoni tat-Tezor inkluz id-dritt li parti mill-pensjoni tkun soggetta ghal gratifikazzjoni *bl-aggunta* ta` provvedimenti ohra a beneficcju tal-istess haddiema. Ghalhekk f`dan is-sens il-posizzjoni li hadet il-kumpannija konvenuta tmur kontra dak deciz fis-sentenza tas-7 ta` Lulju 2008. Kien ghalhekk li ntuzat l-espressjoni *simili* mhux *identika* propju sabiex tferrex il-beneficcji fuq numru akbar ta` impjegati. Li kieku l-iskema kellha tkun identika ghal tal-Gvern il-persuni ndikati minn Albert Tabone fix-xhieda tieghu (op. cit.) ma kienux jiehdu dawk il-beneficcji. Ladarba kienet deskritta bhala simili m`ghandux ifisser xejn hlief li kollox kien se jkun bhal tal-Gvern hlief fejn kien miftiehem diversament, u incidentalment a benefioccju tal-haddiema ghaliex del resto skemi ta` pensjoni huma ntizi sabiex jaghtu beneficcju lill-haddiema aktar milli vantagg lill-principal.

**Mela din il-Qorti sejra tadotta t-tifsira ghat-tfassil tal-pensjoni kif dettaljata mill-atturi mhux kif mifhmuma mill-kumpannija konvenuta**.

Qabel ma tidhol fl-aritmetika tal-ewwel talba attrici, din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kumpannija konvenuta li tolqot dik l-ewwel talba.

**Ikkunsidrat :**

**IX. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-ewwel talba a tenur tal-Art.2156(a) u/jew Art.2156(f) tal-Kap.16</u>**

Il-kumpannija konvenuta qeghda teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Art.2156 (a) u/jew (f) tal-Kap 16.

**A. <u>L-Art.2156(a)</u>**

**<u>L-Art.2156</u>** jaqra hekk -

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin :*
*…*
*(a) l-azzjonijiet ghal annati ta` cnus, ta` renti perpetwi jew ta` vitalizji, ta` imghaxijiet ta` cnus bollati li tnisslu qabel l-14 ta` Awissu 1862 u ghall-hlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta` bejgh jew trasferiment iehor ta` fondi enfitewtici*
*…*
*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din i-lligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Din il-Qorti sejra tibda l-ewwel <u>bis-subinciz (a).</u>

Il-pensjoni a favur tal-atturi mertu tal-ftehim tat-23 ta` Lulju 1975 ma ghandhiex il-figura guridika ta` vitalizju fit-termini tal-Art.1702 sa 1712 tal-Kap.16. U ladarba l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(a) tal-Kap.16**.

**B. L-Art.2156(f)**

Din il-Qorti issa se tqis l-fondatezza o meno tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16.

Rigward il-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) jinghad fil-kawza **"Saliba et vs Grech"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949 li -

*"….fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor…." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-disposizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis skond ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza."*

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta` interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss

jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-Art.2156.

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta’ krediti - il-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Ta’ l-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus.

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jitalab huwa hlas ta’ flus u ta’ natura fungibbli u ghaldaqstant huwa kopert mis-subinciz (f).

Sabiex tkun f`qaghda li fil-kaz tal-lum tghid jekk tirrizultax il-preskrizzjoni kwinkwennali, din il-Qorti trid tasal biex tistabilixxi meta twieled id-dritt ta` azzjoni tal-atturi. Tghid dan ghaliex skond l-Art.2137 tal-Kap.16, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata.

Huwa ben evidenti, kemm mill-premessi kif ukoll mill-ewwel talba, li l-gustifikazzjoni tal-ammont li l-atturi qeghdin jitolbu issib l-gherq taghha fid-dritt ghal pensjoni li kien rikonoxxjut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta` Lulju 2008.

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw li :

*“Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e’ nato il diritto o l’azione che e’ destinata ad estinguere. . .*”

Izjed ‘l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk :

*“La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell’evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale”*

Ghall-fini tal-Art.2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi. Marbut ma’ dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f’kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni (Qorti tal-Appell – **“Quintano vs Calleja”** – 5 ta` April 1993).

Fil-kaz tal-lum, l-atturi saru jafu li ghandhom dritt ghal pensjoni fit-termini fuq deskritti mhux qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 li ghaddiet definittivament in gudikat fil-mument li l-kumpannija konvenuta cediet il-proceduri ta` ritrattazzjoni.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16**.

**Ikkunsidrat :**

**X. Il-*quantum* tal-ewwel talba**

It-talba originali tal-atturi kienet fl-ammont ta` **€2,432,318**.

Din is-somma tirrapprezenta dak li l-atturi jallegaw li tirrapprezenta l-arretrati tal-pensjoni dovuta lilhom sal-1 ta` Novembru 2009.

Is-sehem individwali fi flus pretiz mill-atturi (bl-eccezzjoni ta` Raphael Naudi, Mario Borg, Joseph Cachia, Joseph Tabone, Joseph Formosa, Alfred Galea, William Mock, Alfred Spiteri u Rona Zarb Blackman) jirrizulta fil-prospetti markati Dok A u Dok B. Huma eskluzi mill-konteggi peress li Raphael Naudi kien ghadu fl-impieg waqt li l-ohrajn ghalkemm hadu l-*early retirement* kienu ghadhom ma ghalqux il-61 sena.

Fl-udjenza tat-3 ta` Gunju 2010 (fol 235 – 236) fejn id-difensur tal-atturi, b`riferenza ghall-prospett tal-kumpannija konvenuta a fol 227, iddikjara li huwa kien qieghed jaqbel mal-prospett hlief fejn jirrigwarda lil Oswald Camilleri fejn il-figura trid tkun €7824 mhux €7458, Gerald Mifsud fejn il-figura trid tkun €8805 mhux €4956, Francis Pirotta fejn il-figura trid tkun €5382 mhux €4593, u Frank Rossi fejn il-figura trid tkun €8492 mhux €6869.

Wara li l-atturi revedew il-prospett originali taghhom dwar l-arretrati dovuti sal-1 ta` Novembru 2009 u dwar il-pensjonijiet futuri, huma ressqu prospett rivedut (fol 275 sa 279) b`dan illi l-ammont originarjament pretiz minnhom ta` €2,432,318 **nizel** ghall-ammont ta` €2,424,365 (ara t-total a fol 279). Per konsegwenza, it-talba attrici kienet ridotta ghall-figura ta` **€2,424,365.**

A fol 481, kien dikjarat mill-atturi li wara li kisbu aktar taghrif minghand il-kumpannija konvenuta, huma rrevedew il-prospett originali taghhom dwar l-arretrati dovuti sal-1 ta` Novembru 2009 u dwar il-pensjonijiet futuri. Ghalhekk kien esebit il-prospett rivedut markat DOK FP-FIN (fol 482 sa 485) sabiex l-ammont pretiz minnhom gie jaqra €2,400,972 (ara t-total a fol 485). Per

konsegwenza, it-talba attrici kienet ridotta ghall-figura ta` **€2,400,972**.

A fol 534 dahlet nota li permezz taghha l-atturi Vicky armla ta` Oswald Camilleri u binha Mark Camilleri bhala successuri fid-drittijiet ta` Oswald Camilleri cedew il-kawza fejn din tirrigwarda lilhom. Il-pretensjoni taghhom kienet ghall-ammont ta` €28,105 fejn si trattava ta` arretrati ta` pensjoni.

Ghalhekk it-talba komplessiva attrici nizlet ghall-figura ahharija ta` **€2,372,867**.

Xehed Joseph Muscat minn Price Waterhouse Coopers. DOK JM1 kien ir-*reconciliation* bejn dak pretiz mill-atturi u dak li GO tghid li ghandha thallas. Id-differenza principali kien ammont ta` €146,000 dovuta ghal *commutation* ta` 25% tal-pensjoni li l-atturi jippretendu li ghandhom dritt ghaliha. Imbaghad kien hemm xi differenzi fil-final salary ta` xi beneficcjarji fost hwejjeg zghar ohra. Fil-kaz tal-workings taghhom, fil-kaz tan-nisa kien adottat age of retirement ta` 60 sena waqt li fil-kaz tal-irgiel l-eta` ta` 61 sena. Il-commutation kienet eskluza mill-esercizzju taghhom.

Wara li qieset il-*workings* tal-atturi, u kif dawn gew aggustati *man mano* li t-taghrif provdut mill-kumpannija konvenuta sar aktar preciz, u meqjus ukoll il-fatt li d-differenza ewlenija bejn il-partijiet kienet il-commutation, din il-Qorti sejra taccetta bhala pruvati sal-grad rikjest mil-ligi l-figuri finali tal-atturi u cioe` **€2,372,867**.

**Ikkunsidrat :**

**XI. It-tieni talba**

Fir-realta`, it-tieni talba attrici tinkorpora tliet talbiet -

Fl-ewwel lok, qeghda tintalab il-likwidazzjoni ta` kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus bejn meta kellu jsir l-hlas kieku l-iskema giet implimentata f'waqtha u l-valur tal-munita ta` dakinhar li jsir l-hlas effettiv (*reverse discounting in respect of time value of currency*).

Fit-tieni lok, qeghda qeghdin jintalbu l-interessi dovuti lill-atturi ghal kull skadenza ta` pensjoni minn dakinhar li suppost kellha tithallas sa dakinhar ta` hlas effettiv.

U fit-tielet lok, qeghda tintalab kull somma ohra sabiex taghmel tajjeb ghal danni ohra sofferti mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat :**

**XII. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153 u/jew l- Art.2156(f) tal-Kap.16 fir-rigward tat-talba ghal-likwidazzjoni ta` kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus bejn meta kellu jsir l-hlas kieku l-iskema giet implimentata f'waqtha u l-valur tal-munita ta` dakinhar li jsir l-hlas effettiv (*reverse discounting in respect of time value of currency*).**

**A. L-Art.2153**

Skond l-Art.**2153 tal-Kap.16**, l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

Din il-Qorti tghid li l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Art.2153 tal-Kap.16 ma tapplikax fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' xi patt
kontrattwali jew obbligazzjoni relatata.

Fil-kaz tal-lum, huwa evidenti li l-atturi qeghdin jitolbu dan il-kumpens ghax qeghdin ighidu li l-kumpannija konvenuta kienet kontrattwalment inadempjenti.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni skond l-Art.2153 tal-Kap.16**.

**B. <u>L-Art.2156(f)</u>**

Din il-Qorti tghid li kull ma qalet aktar kmieni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 fir-rigward tal-ewwel talba japplika fil-kaz tat-talba attrici ghal kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus bejn meta kellu jsir l-hlas kieku l-iskema giet implimentata f'waqtha u l-valur tal-munita ta` dakinhar li jsir l-hlas effettiv (*reverse discounting in respect of time value of currency*). Ghalhekk a skans ta` repetizzjoni din il-Qorti taghmel riferenza ghal dawk il-konsiderazzjonijiet.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16.**

**Ikkunsidrat :**

**XII. <u>Il-mertu ta` l-ewwel parti tat-tieni talba</u>**

Xehed John Caruana ( minn fol 280 et seq) tal-Bank Centrali. Fl-1975 l-indici tal-prezzijiet bl-imnut kien ta` 254.77 fl-1975. Fl-2009 l-indici kien 758.58. Ifisser li Lm

100 fl-1975 gew jiswew Lm 297.75c fl-2009. Ir-*retail price index* huwa bazat fuq baskett ta` oggetti u kemm ikunu jiswew minn zmien ghal zmien. Biex jigi stabbilit il-*purchasing power*, ir-*retail price index* huwa l-indici li ghandu jintuza bhala kejl. Dak jaghtik idea ta` *purchasing power* domestiku gol-ekonomija maltija. Hemm stabbilit l-indici tal-inflazzjoni. *Discounting* isir bir-rata tal-imghax. Ir-rati tal-imghax generalment jirriflettu l-inflazzjoni. Id-discount rate hija r-rata tal-imghax li l-Bank Centrali jislef lill-banek. Klijent normali m`ghandux access ghal dan id-*discount rate*. Il-banek jisilfu lill-pubbliku b`rata aktar gholja ta` imghax.
Mill-1975 sal-1981, id-discount rate kien 5.5%. Sal-1986 tela` ghal 6.5%. Mill-1987 sa 1997 nizel ghal 5.5%. Wara r-rata bdiet tkun aktar flessibbli. U wara li kien adottat l-Ewro fl-2008, ir-rati bdew ikunu dawk tal-Bank Centrali Ewropew. Jekk tara l-paragun tal-*purchasing power* tal-munita skond ir-*retail price index* bejn 1975 u 2009, din tigi cirka tliet darbiet u nofs. Jekk tiehu bhala *benchmark* id-*discount rate* tal-Bank Centrali tigi hames darbiet u nofs.

Wara li qieset l-argumenti tal-atturi, din il-Qorti tghid li kif prospettata l-ewwel parti tat-tieni talba ma tistax tigi akkolta.

Fis-sentenza taghha moghtija fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Barbara pro et noe vs Barbara**", il-Qorti tal-Appell kellha l-okkazjoni li tittratta mertu simili ghalkemm f'kuntest differenti.

F'dik il-kawza l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut kellu jirrendi kont ta' l-amministrazzjoni tieghu u fin-nuqqas ghaliex ma ghandux jigi meqjus bhala sewwa dak maghmul mill-istess atturi. Aktar tard saret talba biex jigi dikjarat x'inhuwa l-kont gust ta' l-amministrazzjoni. Parti mill-beni amministrati kienu xi mmobbli li kienu akkwistati anke tramite self li kien ha l-konvenut. Wara li l-Ewwel Qorti

sabet li fil-fatt kien hemm self ghall-fini ta` dak l-akkwist hija ordnat lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenut imghax ta` 6% fuq il-parti tas-self li kien a beneficcju tal-*aventi causa* tal-atturi. Pero` l-konvenut talab ukoll li tigi likwidata somma li tqis l-kambju fil-munita li sar minn zmien li sar is-self sal-lum. L-Ewwel Qorti rrilevat li l-ligi taghna fl-Art.1139 tal-Kap.16 hija cara hafna meta titkellem fuq l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet u tghid li fejn si tratta ta' ammont dovut fuq somma likwida u certa, l-unici danni li jistghu jezistu fin-nuqqas ta' pagament jistghu biss jikkonsistu fl-imghax dovut u mhux f'ebda somma ohra. Ghalhekk cahdet dak li kien qieghed jippretendi l-konvenut. u ghalhekk dik it-talba kienet michuda.

Fl-istess kawza, l-appell principali mis-sentenza tal-Ewwel Qorti kien tal-konvenut. Fit-tieni aggravju tieghu huwa lmenta li l-Ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu biex is-somma likwidata tigi konsidrata fid-dawl tal-kambju fil-munita li sar miz-zmien tas-self sallum. Il-konvenut kien qed ighid li l-valur tal-munita korrenti kienet tirrapprezenta frazzjoni ta' dik li kienet fil-1952. Sabiex allura jigi reintegrat pjenament l-ammont likwidat kellu ragonevolment jigi multiplikat bl-indici tal-lum u diviz b'dak kurrenti fil-1952.

**Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell sabet li dak l-aggravju kien legalment insostenibbli ghaliex imur kontra d-divjet espress ta' l-Art. 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi: "*Jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*" Il-ligi mkien ma tipprovdi l-possibbilita' ta' rivalutazzjoni tal-kreditu skond il-flutwazzjoni tal-kambju dana b'ghaqal kbir biex tevita kull incertezza dwar il-konsistenza tieghu u biex tassigura uniformita' fil-kwantifikazzjoni ta' dak li jkun effettivament dovut.**

Din il-Qorti sejra tapplika *mutatis mutandis* dan l-insenjament ghall-ewwel parti tat-tieni talba.

**U ghalhekk qeghda tichad l-ewwel parti tat-tielet talba.**

**Ikkunsidrat :**

**XIII. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 fir- rigward tat-talba ghall-hlas ta` interessi pretizi mill-atturi ghal kull skadenza ta` pensjoni minn dakinhar li suppost kellha tithallas sa dakinhar ta` hlas effettiv.**

Din il-Qorti tghid li kull ma qalet aktar kmieni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 fil-kazi diga` trattati japplika fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta` interessi pretiz mill-atturi ghal kull skadenza ta` pensjoni minn dakinhar li suppost kellha tithallas sa dakinhar ta` l-hlas effettiv. Ghalhekk a skans ta` repetizzjoni taghmel riferenza ghal dawk il-konsiderazzjonijiet.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16**.

**Ikkunsidrat :**

**XIV. <u>Il-mertu tat-tieni parti tat-tieni talba</u>**

**<u>L-Art.1141</u>** tal-Kap.16 jaqra hekk -

*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew*

*ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

*(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ma hijiex wahda ta' natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni "l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*".

Kif del resto kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza **"Abela vs Azzopardi"**, a skans ta' ekwivoci, din il-Qorti tghid illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri *ope legis* l-imghax fuq l-istess kapital.

Fil-kaz tal-lum, is-sejha ghall-hlas tal-kapital saret fis-27 ta` Novembru 2009 bil-presentata tar-rikors mahluf. Hekk kif saret is-sejha, minn dakinhar beda jiddekorri l-imghax ta` 8% fis-sena mhux kif pretiz mill-atturi.

**Ghalhekk it-tieni parti tat-tieni talba kif dedotta qeghda tkun respinta.**

**Ikkunsidrat :**

**XV. Il-mertu tat-tliet parti tat-tieni talba**

L-atturi talbu wkoll kull somma ohra sabiex taghmel tajjeb ghal danni ohra sofferti mir-rikorrenti.

L-atturi ma gabu l-ebda prova ta` dawn l-allegati "danni ohra" sofferti minnhom.

**Ghalhekk it-tielet parti tat-tieni talba kif dedotta qeghda tkun michuda wkoll.**

**Ikkunsidrat :**

**XVI. Il-kontrotalba**

Irrizulta bhala fatt li l-garanzija bankarja li originarjament kienet tlahhaq l-ammont ta` €10,000,000 giet imposta wara l-kumpannija konvenuta ttentat li timpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 permezz tal-procedura ta` ritrattazzjoni.

Fid-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta` Jannar 2009 (DOK G10 minn fol 189 sa fol 195) l-ammont ta` €10,000,000 kien iffissat *arbitrio boni viri* *biex ikopri in toto jew in parte l-pensjoni jew beneficcji li ghandhom jithallsu lill-intimati ai termini tal-imsemmija stess*.

Irrizulta li bis-sahha ta` digriet tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta` Ottubru 2009 (DOK G11 a fol 196) kien awtorizzat ir-rilaxx tal-ammont ta` €5,800,000 mill-garanzija de qua sabiex taghmel tajjeb ghal krediti ta` numru ta` atturi beneficcarji li kienu lahqu ftehim bonarju mal-kumpannija attrici dwar likwidazzjoni tal-pensjoni taghhom wara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghaddiet in gudikat. Fl-istess waqt skond l-istess digriet il-bilanc ta` €4,200,000 kellu jibqa` garantit *biex jaghmel tajjeb ghall-krediti tal-persuni l-ohra involuti fil-proceduri msemmija.*

Bl-ewwel talba rikonvenzjonali, il-kumpannija qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex -

*Tiddikjara u tiddeciedi li ladarba twaqqfet l-Iskema ta` Pensjoni a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Lulju 2008 ma hemmx lok li tinzamm il-garanzija bankarja numru 8820091873 mahruga minn HSBC Bank Malta plc fis-16 ta` Ottubru 2009.*

Fil-fehma ta` din il-Qorti l-ewwel talba kif dedotta ma tistax tkun milqugha ghar-raguni li l-garanzija anke kif kienet ridotta kienet imposta skond digriet tal-Qorti tal-Appell. Ma rrizultax li dak id-digriet qatt kien revokat. U ghaldaqstant ghadu veljanti. Jekk il-kumpannija konvenuta ghandha talbiet x'taghmel fir-rigward tad-digriet li zamm fis-sehh il-garanzija *siapure* ridotta, ghandha titlob provvediment mhux minn din il-Qorti izda mill-Qorti tal-Appell.

Ghall-istess raguni, it-tieni talba u s-sitt talbiet ma jistghux ikunu milqugha.

Din il-Qorti sejra tichad it-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet stante li ma hemmx prova li l-atturi huma responsabbli ghall-ispejjez li l-kumpannija konvenuta qeghda tinkorri sabiex izzomm il-garanzija fis-sehh. Kif diga` kien rilevat, il-garanzija saret konsegwenza ta` digriet tal-Qorti tal-Appell. U mhux sforz ta` xi mgieba pregudizzjevoli tal-atturi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fejn din tirrigwarda biss lill-atturi Vicky armla ta` Oswald Camilleri u binha Mark Camilleri bhala successuri fid-drittijiet ta` Oswald Camilleri stante n-nota ta` cessjoni taghhom a fol.534 tal-process.**

**2) Tichad l-eccezzjoni dwar karenza ta` interess sollevata fil-kaz tal-atturi Raphael Naudi, Mario Borg, Joseph Cachia, Joseph Tabone, Joseph Formosa, Alfred Galea, William Mock, Alfred Spiteri u Rona Zarb Blackman.**

**3) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ewwel talba tal-atturi skond l-Art.2156(a) tal-Kap.16.**

**4) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ewwel talba tal-atturi skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16.**

**5) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153 tal-Kap.16 fejn it-tieni talba tirrigwarda l-likwidazzjoni ta` kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus.**

**6) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 fejn it-tieni talba tirrigwarda l-likwidazzjoni ta` kumpens ekwivalenti ghal svalutazzjoni tal-valur tal-flus.**

**7) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 fejn it-tieni talba tirrigwarda l-hlas ta` interessi.**

**8) Tichad l-eccezzjonijiet li jolqtu l-ewwel talba attrici.**

**9) Tilqa` l-ewwel talba attrici limitatament u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi bhala arretrati ta` pensjoni dovuta lilhom sal-1 ta` Novembru 2009 l-ammont ridott ta` zewg miljun, tliet mija tnejn u sebghin elf, tmien mija sebgha u sittin Ewro (€2,372,867) skond il-prospett markat Dok FP-FIN a fol 482 sa 485 tal-process, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mis-27 ta` Novembru 2009, b`dan illi kull attur individwalment ghandu jithallas skond kif jidher indikat f`dak il-prospett, bl-eskluzjoni tal-ammont indikat fir-rigward ta` Oswald Camilleri billi fil-kaz tieghu l-atti kienu ceduti.**

**10) Tilqa` l-eccezzjonijiet fejn dawn jolqtu t-tieni talba.**

**11) Tichad it-tieni talba u t-tielet talba attrici.**

**12) Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba.**

**13) Tichad it-talbiet kollha tal-kumpannija konvenuta kif dedotti fil-kontrotalba.**

**14) Meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tordna li l-ispejjez dwar it-talbiet attrici ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart mill-atturi u in kwantu ghal tliet kwarti mill-kumpannija konvenuta.**

**15) Tordna li l-ispejjez tal-kontrotalba ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------